

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2019 – Falqui vs Il-Parlament****(Kawża T-695/19)**

(2019/C 406/48)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet***Rikorrent: Enrico Falqui (Firenze, l-Italja) (rappreżentanti: F. Sorrentino u A. Sandulli, avukati)**Konvenut: Il-Parlament Ewropew***Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralji jogħġobha tannulla n-noti kkontestati u tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ħlas tal-ammonti indebitament miżemma minnu fil-mori tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors ġie ppreżentat kontra n-noti D309417 tat-8 ta' Lulju 2019 u D (2019) 14406 tal-11 ta' April 2019 tad-Direttorat Ĝeneralji tal-Finanzi tal-Parlament Ewropew, li jikkonċernaw id-determinazzjoni mill-ġdid tal-pensjoni li minnha jibbenefika r-rikorrent fil-kwalità tiegħu ta' ex-Membru Parlamentari Ewropew kif ukoll, skont il-każ, kontra l-opinjoni tad-Dipartiment Legali tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Jannar 2019.

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma dawk invokati fil-Kawża T-347/19, Falqui vs Il-Parlament.

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2019 – FJ et vs SEAE****(Kawża T-698/19)**

(2019/C 406/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti: FJ u tmien rikorrenti oħra (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)**Konvenuta: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna***Talbiet**

Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ĝeneralji jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni li tistabbilixxi r-rendikont tas-salajru tar-rikorrenti għax-xahar ta' Diċembru 2018 billi tapplika, għall-ewwel darba, il-koeffiċjenti ta' korrezzjoni l-ġoddha applikabbli għar-remunerazzjoni tagħhom, b'effett retroattiv għall-1 ta' Frar 2018;